# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2006

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: Siegħa**

Isem ______________________________________________

Klassi ______________________________________________

TOTAL TAL-MARKI ☐

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek, l-isem ta' l-iskola u l-klassi.
  TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.





**A. Aqta' sing taħt il-kelma t-tajba.**

1. Kif jgħaddi Ġunju f'Malta nibdew inħossu s-sħana (tas-sajf, tax-xitwa, tal-ħarifa, tar-rebbiegħa).

2. Fil-ħarifa (tispiċċa l-iskola, jkollna temp sħun ħafna, tibda l-iskola, jkollna ħafna vaganzi).

3. Meta jkun hemm maltempati kbar, dawn jagħmlu (widien sbieħ, ħsara kbira, kampanja sabiħa, ġid kbir).

4. Il-gwidi jagħtu servizz fil-qasam (tas-saħħa, tat-turiżmu, tal-kostruzzjoni, tal-biedja).

5. It-turisti jistennew (imġiba ħażina, sewqan bl-addoċċ, telf ta' ħin, servizz tajjeb).

6. Grupp ikun magħmul minn numru ta' persuni li għandu jkollhom (għan komuni, imġiba ħażina, interessi personali, egoiżmu kbir).

7. Il-komunikazzjoni bejnietna tissaħħaħ meta nkunu nafu nuru (nuqqas ta' rispett, nuqqas ta' responsabilità, solidarjetà ma' l-oħrajn, nuqqas ta' edukazzjoni).

8. Dawn qed jgħinu biex ikollna ambjent soċjali aħjar: (l-egoisti, l-għalliema, il-ħallelin, il-vandali).

9. Waħda mill-ibliet antiki ta' Malta hija (l-Mosta, l-Imdina, Floriana, Birkirkara).

10. L-ibliet il-qodma ta' Malta u t'Għawdex għandhom karatteristika komuni. Din hija (l-appartamenti, toroq wesgħin, l-bandli, s-swar).

11. Matul iż-żminijiet missirijietna kellhom (jitħabtu, jikkuntentaw, jifirħu, jiċċelebraw) biex illum għandna t-tmexxija ta' pajjiżna f'idejna.

12. L-ideal tal-Logħob Olimpiku huwa li jġib l-għaqda bejn il-pajjiżi u b'hekk tikber bejniethom (l-għira, il-kompetizzjoni, il-ħbiberija, il-ġlied).

13. Is-sajjieda joħorġu jistadu għal-lampuki bil-(jott, vapur, luzzu, kenura).

14. Il-lampuki jpassu bejn Settembru u (Ġunju, Marzu, Diċembru, Awissu).

15. Il-lampuki jidħlu għad-dell (tal-kannizzata, tat-tinda, ta' l-umbrella, tal-blata).

**(15-il marka)**

**B. It-Temp ivarja skond l-istaġuni.**
**Aqra d-dati sewwa.**
**Wara imla l-vojt biex tkompli dawn iż-żewġ rapporti tat-temp.**
**Agħżel minn dawn:**

| 15-il grad Celsius | 33 grad Celsius | 10 | 2 |
|---|---|---|---|

| Imsaħħab b'xi ħalbiet tax-xita | Sabiħ u xemxi |
|---|---|

| 5·6 mm | Xejn |
|---|---|






| | |
|---|---|
| DATA: | Il-Ħadd 15 ta' Jannar |
| TEMP: | |
| RIĦ: | Moderat mit-tramuntana |
| XITA: | |
| UV INDEX: | |
| TEMPERATURA: | |

| | |
|---|---|
| DATA: | Il-Ġimgħa 15 ta' Lulju |
| TEMP: | |
| RIĦ: | Ħafif għal moderat mill-Majjistral |
| XITA: | |
| UV INDEX: | |
| TEMPERATURA: | |

**(8 marki)**

**Ċ. (i) Poġġi dawn il-kliem fil-kolonna t-tajba. Ħares lejn l-eżempji.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| silġ | jgħixu ftit nies | ~~**ftit ħdura**~~ | Eskimiżi | kaktus |
| serp velenuż | xita skarsa | ambjent aħrax | ramel | ~~**Tundra**~~ |
| ~~**ġemel**~~ | xitwa twila | sħana qawwija | temperaturi estremi | l-ors l-abjad |

| Deżert Kiesaħ | Deżert Sħun | Komuni (issibhom fid-Deżert Kiesaħ u fid-Deżert Sħun) |
|---|---|---|
| **Tundra** | **ġemel** | **ftit ħdura** |
| ____________________ | ____________________ | ____________________ |
| ____________________ | ____________________ | ____________________ |
| ____________________ | ____________________ | ____________________ |
| ____________________ | ____________________ | ____________________ |

**(12-il marka)**

**Ċ. (ii) Imla l-vojt bil-kliem li jidhru hawn taħt.**
**Trid tuża' TMIENJA biss.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **maltempata** | **oasi** | **ta' Gobi** | **sħun** | **ramel** |
| **kiesaħ** | **tas-Saħara** | **ix-xmajjar** | **titla'** | **tinżel** |

L-ikbar deżert fid-dinja huwa d-deżert ____________________. Dan jiksi kwart mill-Afrika. Matul il-jum dan id-deżert ikun ____________________ ħafna b'temperatura li ____________________ aktar minn 50 grad Celsius. Iżda filgħaxija jkun ____________________ ħafna. Ta' spiss tagħmel xi ____________________ fejn ħafna ____________________ jinġarr mill-irjieħ qawwija. Taħt ir-ramel fil-fond, hemm ____________________. Għalhekk kultant jidhru rqajja' ta' ilma, magħrufin bħala ____________________.

**(8 marki)**

**D. Dawn huma stampi ta' postijiet li nsibu fl-Imdina.**
**Ikteb l-isem it-tajjeb taħt kull stampa.**

| | |
|---|---|
| Bieb l-Imdina | Triq fl-Imdina |
| Il-Katidral ta' l-Imdina | Is-Swar ta' l-Imdina |



____________________________



____________________________



____________________________



____________________________

**(4 marki)**

**E.** Ikteb **VERU** jew **FALZ** dwar iċ-**Ċittadella**.



| | | |
|---|---|---|
| 1. | Iċ-Ċittadella tinsab Malta. | |
| 2. | Iċ-Ċittadella hija mibnija fuq għolja. | |
| 3. | Iċ-Ċittadella hi belt medjevali mdawra bis-swar. | |
| 4. | Fiċ-Ċittadella nsibu katidral iddedikat lill-Madonna. | |
| 5. | Iċ-Ċittadella kienet magħrufa wkoll bħala Kastellanja. | |
| 6. | Fiċ-Ċittadella nsibu ħafna toroq wesgħin. | |
| 7. | Iċ-Ċittadella tixbah ħafna lill-Imdina. | |
| 8. | Mit-toroq taċ-Ċittadella jgħaddu ħafna karozzi. | |

**(8 marki)**

**F. Aqra tajjeb din is-silta.**

L-eqdem belt fil-Kottonera għandha storja kbira. Din il-belt għandha storja twila sa minn żmien ir-Rumani, l-Għarab u l-Kavallieri.

Il-Kavallieri bnew swar madwar din il-belt. Huma għamlu lil din il-belt Ċentru tal-Kummerċ bejn Malta, Sqallija u gżejjer oħra fil-Mediterran. Kien għalhekk li fiha ġew jgħixu ħafna negozjanti, baħħâra u ħaddiema li kellhom xi sengħa. Kważi nofs il-popolazzjoni ta' Malta marru jgħixu fiha.

Din il-belt saret aktar importanti meta l-Kavallieri bnew tarzna billi kellhom bżonn post fejn isewwu x-xwieni tagħhom.

Waqt il-ġlied ta' l-Assedju l-Kbir, din il-belt ġarrbet esperjenza ħarxa ħafna tal-gwerra. It-Torok riedu li jeqirdu lil din il-belt imma ma rnexxilhomx. Il-Maltin rebħu u lil din il-belt bdew isejħulha b'isem ieħor: 'Vittoriosa'.

**Irrispondi tajjeb.**

1. "L-eqdem belt fil-Kottonera"
   Din il-belt jisimha 'Vittoriosa' jew ______________________.

2. Min ta l-ikbar importanza lil din il-belt: ir-Rumani, l-Għarab jew il-Kavallieri?

   ______________________

3. Ikteb żewġ modi biex turi kif lil din il-belt tawha din l-importanza.

(a)________________________________________________________________

(b)________________________________________________________________

4. Għaliex marru joqogħdu ħafna nies f'dik il-belt?

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

5. X'kienet ir-raġuni li għaliha nbniet it-tarzna?

____________________________________________________________________

6. L-Assedju l-Kbir kienet ġlieda bejn il-Kavallieri flimkien mal-______________ kontra ______________________.

7. Din il-belt bdiet tissejjaħ 'Vittoriosa' li tfisser ______________________.

**(10 marki)**

**Ġ. Kompli din is-silta dwar il-komunikazzjoni.**
**Imla l-vojt b'dan il-kliem.**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| bis-sinjali | il-Malti | l-messaġġ | l-identità | tal-wiċċ |
| l-Maltin | l-bandiera | mit-tradizzjoni | l-festi | nikkomunikaw |

Il-komunikazzjoni hi l-mod kif aħna ngħaddu ______________________ tagħna lil ħaddieħor. Aħna nistgħu ______________________ b'modi differenti: bil-kliem, ______________________, bil-kitba, bl-espressjoni __________________, permezz tal-***mass media*** u bl-imġiba tagħna.

Il-lingwa tagħna, ______________________, hija karatteristika ewlenija ta' ______________________tagħna. Karatteristiċi oħra ta' l-identità tagħna bħala Maltin huma l-Innu u ______________________ nazzjonali, u ______________________ li huma parti ______________________Maltija.

Dawn is-simboli kulturali komuni għalina ______________________ ikabbru l-komunikazzjoni ta' bejnietna.

**(10 marki)**

**G. Agħmel sing taħt il-kelma jew il-frażi li hi ĦAŻINA.**

1. (In-niċeċ, il-ġonna, il-gallariji, l-iskart) huma affarijiet li jsebbħu l-irħula u l-bliet Maltin.

2. (Il-Palazz ta' l-Isqof, il-Palazz ta' l-Inkwiżitur, il-Mużew ta' l-Istorja Naturali, id-Dar Normanna) huma postijiet li nsibu fl-Imdina.

3. (Ir-rixa, iċ-ċimi, il-qasba, ix-xbieki) huma metodi ta' sajd għal-lampuki.

4. (Il-ħidma favur il-paċi, il-qtil, ir-rispett tad-drittijiet umani, id-demokrazija parlamentari) huma affarijiet tajbin u komuni bejn Malta u l-Ewropa.

**(4 marki)**

**GĦ. Aqra dan id-djalogu.**



Kylie: Tinsiex il-laqgħa tad-drama għada fis-sitta.

Mark: Għada mhux ġej għax ma nistax niġi.

Kylie: Imma jekk ma tiġix inti, se ttellef lill-grupp kollu.
Mingħajrek ma nkunux nistgħu nagħmlu l-provi.

**Is-sentenzi (1 sa 7) huma dwar imġiba tajba bħala membri ta' grupp.**
**Ikteb in-numri fil-post it-tajjeb biex tifforma s-sentenzi.**
**L-ewwel waħda lesta.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Kylie u Mark huma membri** | | rispett lejn l-oħrajn. |
| 2. | Il-membri ta' grupp għandhom id-dmir | | huwa importanti. |
| 3. | Meta l-membri ma jaqblux bejniethom | **1** | **tal-grupp tad-drama.** |
| 4. | Il-membri ta' grupp għandhom juru | | eżempju tajjeb għall-membri l-oħra. |
| 5. | L-imġiba għandha tkun ta' | | r-regoli tal-grupp. |
| 6. | Il-membri għandhom jobdu | | li jattendu l-laqgħat. |
| 7. | Fi grupp, ir-rwol ta' kulħadd | | għandhom jiddiskutu mhux jiġġieldu. |

**(6 marki)**

**H. Agħżel WAĦDA minn dawn.**

1. Il-logħob Olimpiku u s-sehem ta' Pierre de Coubertin.
   Ikteb ĦAMES sentenzi dwar il-bidu tal-logħob Olimpiku, it-tifsira tal-bandiera Olimpika, xi logħob li jsir, x'kien jemmen Pierre de Coubertin dwar l-isport.

2. Immaġina li kont tgħix fi żmien il-Kavallieri.
   Ikteb dwar ĦAMES affarijiet li kont tibża' li jistgħu jiġru lilek u lill-Maltin sħabek.

3. Immaġina li inti turist jew turista u għażilt il-gżira ta' Malta bħala post li tixtieq iżżur biex tqatta' l-vaganzi tiegħek.
   Ikteb ĦAMES sentenzi biex turi r-raġunijiet għal din l-għażla tiegħek u s-servizz li qed tistenna li jingħatalek waqt din iż-żjara.

4. Fil-bitħa ta' l-iskola qrajt hekk: "B'Ambjent Sabiħ Igawdi Kulħadd."
   Ikteb ĦAMES sentenzi biex turi kif dan jista' jsir fl-iskola tiegħek.

**(15-il marka)**

**TMIEM IL-KARTA**